MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 135/2014

**Bartoli Brothers Limited**

**Vs**

**John Michael Muliett**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenut jigi kkundannat prevja kull dikjarazzjoni ohra opportuna, ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' hamest elef sebgha mija u wiehed u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€5751.42). Dan l-ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar u liema bilanc huwa dovut lis-socjeta' rikorrenti minnu, wara li hu ngagga u ta l-istruzzjoni tieghu lis-socjeta' rikorrenti sabiex tbiegh u tikkonsenjalu oggetti relatati ma' Catering Food Stuffs ghal negozju operat minnu bl-isem ta' Pizza Star;

Illi ghalhekk nonostante li s-socjeta’ rikorrenti bieghet u kkonsenjat dawn l-oggetti lilu u provdiet is-servizzi kif mitluba, hemm bilanc kif mitlub li huwa dovut minnu, hemm kif jirrizulta mill-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dok BB1.

Illi nonostante diversi dikjarazzjonijiet tieghu li ser ihallas dan l-ammont u li kien qed jistenna xi hlas minn xi wirt sabiex ikun f’posizzjoni ihallas il-bilanc dovut minnu, hu baqa’ ma hallasx.

Illi nonostante li gie nterpellat diversi drabi, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A Nru: 2548/13 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, hu oppona ghaliha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 2548/13 spedita ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok BB2 u bl-imghaxijiet applikabbli skont il-ligi u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 26C tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan mid-data tal-konsenja tal-merci sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-8 t’Ottubru, 2014 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tat-22 t’Ottubru, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef sebgha mija u wiehed u hamsin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€5751.42), bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 2548/13 spedita ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghaxijiet applikabbli skont il-ligi u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 26C tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan mid-data tal-konsenja tal-merci sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------